MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 315/2011

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewwgu fl-19 ta Lulju 1991 (ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg twieldu E (Dok B anness ), F (Dok C) fejn illum E huwa maggorenni ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntatt redatt minn Nutar Dottor Margaret Heywood mit-30 ta' Marzu ta 2007 (ara Dok D anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom separati mill-2007 ,

illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u A B ghandha wild minn ragel iehor (Dok F anness).

Illi ghar rigward tal-manteniment dovut ai termini tal-kuntratt tas-separazzjoni personali (ara Dok F anness, Klawsoli 8-9) il-partijiet iddekadew mid-dritt ta’ kwalunkwe manteniment reciproku favur xulxin. In kwantu ghal manteninment pagabbli lil-mara ghat-tifel minuri F, skond il-premess kuntratt tas-seperazzjoni u (ara Dok f anness, klawsola 10 u Doc C rispettivament) dan jammonta ghal hamsa u sebghin lira maltin [Lm75] [ekwivalenti ghal €174.75] kull xahar li jigi rivedut kull sena bi proporzjon ghaz-zieda fil-hajja skond l-indici ta’inflazzjoni. Dan jigi imbhallas regolarment mill-paga ta C D kif jidher mill-Bank Statements (Dok G aness). Fir-rigward ta l-ulied l-iehor E, l-ebda manteniment mhu dovut f’dan l-istadju *stante* li huwa maggorenni.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta’ Novembru, 2011;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom separati mit-30 ta' Marzu 2007;

Illi ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat illi il-partijiet iddekadew mid-dritt ta' kwalunkwe manteniment reciproku favur xulxin fil-kuntratt tas-separazzjoni personali u illi l-intimat ihallas regolarment il-manteniment ghall-ibnu minuri.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------